**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI ISTRUTTORJA**

**(Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjħa l-Qorti Rimandanti)**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kurt Ryan Farrugia)**
**-vs-**
**Ledjon BRAKAJ**

Illum, 9 ta' Settembru, 2022

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **BRAKAJ Ledjon, imwieled f'Cakran, Albanija, nhar l-4 ta' Awissu 1986, residenti lokalment ġewwa 42, Bellagio Court, Flat 3, Triq San Gwakkin, Marsaskala, u detentur tal-Passport Albaniz bin-numru BG1943172,** aktar il-quddiem imsejjaħ 'l-estradant';

Wara li rat is-*Schengen Information System Alert* numru GR0000001083698000001 datat il-21 ta' April 2022,[1] maħruġ fuq talba tal-Investigating Magistrate, 6th Investigation Division, First Instance Court of Piraeus[2], fil-Greċja, pajjiż skedat a tenur tar-regolament 5 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (aktar il-quddiem imsejjaħ 'l-Ordni'), Liġi Sussidjarja 276.05;

Wara li rat il-Mandat t'Arrest Ewropew (MAE) datat l-24 ta' Marzu 2022 maħruġ mill-istess awtorità;[3]

[1] **Dok.KF3** a fol.6
[2] Vide ukoll Form A, **Dok.KF5** a fol.10
[3] **Dok.KF6** a fol.12 et seq

Wara li rat iċ-Ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali a tenur tar-regolamenti 6A u 7 tal-Ordni maħruġ fis-17 ta' Awissu 2022;[4]

Wara li rat il-verbal tal-20 t'Awissu, 2022 ta din il-Qorti diversament preseduta;[5]

Wara li rat li ġew osservati r-regolamenti 10 u 11 tal-Ordni;[6]

Wara li rat il-verbali ta' din il-Qorti tat-23 ta' Awissu, 2022[7], 29 t'Awissu 2022[8] u tas-6 ta' Settembru, 2022[9];

Reġgħet rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Settembru, 2022;

Semgħet ix-xiehda;

Wara li semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

Rat id-dokumenti;

Ikkunsidrat,

*<u>Reat/i t'Estradizzjoni</u>*

Illi din il-Qorti bid-digriet tagħha tas-6 ta' Settembru 2022, ai termini tar-regolament 12 tal-Ordni, iddeċidiet li r-reati li dwarhom qed tintalab it-treggija huma reati t'estradizzjoni kif kontemplat bir-regolamenti 59(2) u 59(3) tal-Ordni. Kif ġa determinat f'dak id-digriet:

> *Ir-regolament 59(2) tal-Ordni hu sodisfatt in kwantu:*
> *(a) L-<u>ebda parti</u> mill-għemil lilu addebitat ġie kommess f'Malta;*
> *(b) Il-Mandat jindika b'mod ċar li l-imġieba li għaliha qed tintalab l-estradizzjoni tal-Estradat hi <u>kondotta skedata</u>, u*
> *(c) Dawn ir-reati huma punibbli bi <u>priġunerija għall-għomor</u> kif anke indikat fil-Form A "incarceration for life is prescribed".* [10]

[4] **Dok.KF1** u **Dok.KF2** a fol. 4 u 5
[5] Fol.39-42
[6] Fol.40-41
[7] Fol.43-45
[8] Fol.68-69
[9] Fol.210
[10] Fol.10

Iktar minn hekk dawn ir-reati huma *extraditebale crimes* anke kif kontemplat bir-regolament 59(3) tal-Ordni tenut kont li l-imġieba grat fil-Greċja fejn hi punibbli għall-għomor, u li kieku dik l-imġieba ġrat f'Malta kienet tikkostitwixxi reat taħt il-liġi Maltija.

Fil-fatt l-imġieba ndikata fil-Mandat t'Arrest Ewropew kienet tinkwadra taħt id-delitt tal-omiċidju volontarju (artikolu 211 tal-Kodiċi Kriminali), serq aggravat bil-vjolenza (artikolu 261(a), 262(1)(a)(b), 272 u 272A tal-Kodiċi Kriminali) u ħruq b'periklu għall-ħajja (artikolu 316 tal-Kodiċi Kriminali {u ħruq ieħor, artikoli 317 u 318 tal-Kodiċi Kriminali}).

B'hekk ir-rekwiżiti kontemplati bir-regolament 59(3) tal-Ordni huma wkoll sodifatti tenut kont li biex reat jiġi meqjus reat t'estradizzjoni taħt din id-dispożizzjoni hu rikjest li –

> (3) L-imġieba tkun ukoll tikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni .......
>
> (*a*) l-imġieba tiġri fil-pajjiż skedat;
>
> (*b*) l-imġieba kienet tikkostitwixxi reat taħt il-liġi ta' Malta li kieku din tkun ġrat f'Malta;
>
> (*ċ*) l-imġieba tkun punibbli taħt il-liġi tal-pajjiż skedat bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni għal żmien tnax-il xahar jew b'piena akbar (tiġi kif tiġi deskritta f'dik il-liġi).

Għaldaqstant m'hemmx dubbju li l-imġieba li għaliha qed tintalab it-treġġija tal-estradant tikkostitwixxi reat/i ta' estradizzjoni kif kontemplat bir-regolament 12(4) tal-Ordni.

*Bars to Extradition*

Illi fis-seduta tad-29 ta' Awissu, 2022, id-difiża iddikjarat li ma kienu jeżistu ebda *bars to extradition* kif kontemplat bir-regolament 13 tal-Ordni.[11]

Għalhekk ai termini tar-regolament 13(5) tal-Ordni, il-Qorti qed tiddeċiedi li t-treġġigħ lura tal-estradant m'huwiex impedut għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fis-subregoalmenti (1) u (1A) tar-regolament 13 tal-Ordni, u konsegwentement qed **tilqa t-talba** għat-treġġigħ tal-estradant lejn il-Greċja għar-reati msemmija fil-Mandat t'Arrest Ewropew.

[11] Fol.69

*Rule of Speciality*

Ovvjament tali ordni għandha isir bil-kundizzjoni li l-estradizzjoni tal-estradat lejn il-Greċja tkun soġġetta dejjem għal *"law of speciality"* ossija in konnessjoni mar-reati addebitati lilu fil-Mandat t'Arrest Ewropew li abbażi tagħhom saru dawn il-proċeduri, u kif imsemmi fir-regolament 18 tal-Ordni.

L-ordni jipprevedi li hu **l-estradat** li għandu jitlob li t-treġġija tiegħu tkun soġġetta għal din ir-regola iżda minkejja li estradat ma jitlobhiex, il-Qrati tagħna dejjem ippronunzjaw irwieħhom fuq din ir-regola *ex offcio* u dan a benefiċċju tal-estradat.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant ai termini tar-regolament 24 tal-Ordni -

**Tordna li l-estradat għandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġigħ lura tiegħu lejn il-Greċja, il-pajjiż skedat fejn inħareġ il-mandat**.

Il-Qorti qegħda, ai termini tar-regolament 25 tal-Ordni moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta Malta, tinforma lill-estradat li:

(a) Mhuwiex ser jiġi mreġġa' lura lejn il-Greċja qabel ma jgħaddu sebat ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja;

(b) Għandu dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn din l-ordni;

(c) jekk jidhirlu li xi wieħed mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta Malta, ġie miksur jew li xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun sejra tiġi miksura dwar il-persuna tiegħu hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, huwa għandu jedd jitlob rimedju skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-każ.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Maġistrat**